



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 2.5.2017  
SWD(2017) 156 final

**DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI**

**Gwida dwar l-Għajnuna mill-Istat fl-istrumenti finanzjarji tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (SIE) fil-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020**

## **DIKJARAZZJONI TA' ĊAĦDA TA' RESPONSABILITÀ**

*Dan hu dokument ta' ħidma tal-persunal imħejji mis-servizzi tal-Kummissjoni. Abbażi tal-liġi applikabbli tal-UE, dan jipprovdi gwida teknika għall-kollegi u l-korpi involuti fil-monitoraġġ, il-kontroll jew l-implimentazzjoni tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej dwar kif għandhom jiġu interpretati u applikati r-regoli tal-UE f'dan il-qasam. L-għan ta' dan id-dokument hu li jipprovdi l-ispjegazzjonijiet u l-interpretazzjonijiet tas-servizzi tal-Kummissjoni tar-regoli msemmija sabiex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni tal-programm u biex tithegġegħ/jitħeġġu Prattika/i tajba/in. Din il-gwida hi bla preġudizzju għall-interpretazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti Ġenerali jew tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni.*

## Werrej

<b>1. SFOND</b> .....	5
<b>2. IL-LIVELLI DIFFERENTI TAL-ISTRUMENTI FINANZJARJI GĦALL-GĦAJNUNA MILL-ISTAT</b> 5	
<b>3. IL-PREŻENZA TA' GĦAJNUNA MILL-ISTAT FIL-QASAM TAL-ISTRUMENTI FINANZJARJI</b> ... 6	
<b>3.1. Ir-“riżorsi tal-Istat” u l-“imputabbiltà”</b> .....	7
3.1.1. <i>Fondi SIE</i> .....	7
3.1.2. <i>Fondi oħra tal-UE u Fondi SIE ġestiti direttament jew indirettament fil-livell ta' Unjoni</i> 8	
3.1.3. <i>Il-kontribuzzjoni mill-Fondi SIE għall-fondi tal-UE ġestiti direttament jew indirettament fil-livell ta' Unjoni</i> .....	9
3.1.4. <i>Riżorsi proprji tal-Grupp tal-BEI</i> .....	10
3.1.5. <i>Ir-riżorsi proprji tal-Grupp tal-BEI koperti minn garanzija tal-FEIS (Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi)</i> .....	10
3.1.6. <i>Ħarsa ġenerali lejn il-valutazzjoni meħtieġa tal-ġhajjnuna mill-Istat tal-kriterju “Riżorsi tal-Istat” skont it-tipi ta' riżorsi</i> .....	11
<b>3.2. “Impriżi” involuti fi strumenti finanzjarji</b> .....	12
<b>3.3. Vantaġġ</b> .....	13
<b>3.4. Id-distorsjoni tal-kompetizzjoni u l-impatt fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri / l-ġhajjnuna de minimis</b> .....	15
<b>4. EŻENZJONIJIET TA' NOTIFIKA</b> .....	16
<b>5. STRUMENTI STANDARD</b> .....	17
<b>6. KAŻIJET META JENĦTIEĠU NOTIFIKI DWAR L-GĦAJNUNA MILL-ISTAT</b> .....	18

## 1. SFOND

Il-konformità mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat hija ta' importanza fundamentali għall-preservazzjoni ta' suq intern li jiffunzjona. L-applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat tinkoraġġixxi l-effiċjenza ekonomika u tevita li l-appoġġ pubbliku joħloq distorsjoni indebita tal-kompetizzjoni li tista' tkun ta' detriment għall-Unjoni kollha kemm hi. L-għajnuna mill-Istat hija strument essenzjali biex jinħolqu u jinżammu kundizzjonijiet ekwi għall-kumpaniji kollha. Għalhekk huwa neċessarju li l-Istati Membri jiżguraw il-konformità mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat meta l-Istati Membri jagħtu għajnuna permezz ta' strumenti finanzjarji (ko) finanzjati mill-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej.

L-importanza tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat għall-istrumenti finanzjarji huwa msewija f'diversi dispożizzjonijiet fit-Titolu IV tar-Regolament dwar id-Dispożizzjonijiet Komuni ("CPR"),<sup>1</sup> b'mod partikolari l-Artikoli 6, 37, 38, 42 u 44. Minħabba dawn ir-raġunijiet li ġejjin hija meħtieġa attenzjoni speċjali rigward kwistjonijiet dwar l-għajnuna mill-Istat:

- Il-qafas legali tal-għajnuna mill-Istat nbidel b'mod konsiderevoli fl-2013/2014 u offra possibbiltajiet oħra, sabiex tiġi żgurata l-kompatibbiltà ta' għajnuna mill-Istat.
- L-għajnuna mill-Istat tista' teżisti fuq livelli differenti ta' strumenti finanzjarji, li jinkludu l-manigġers ta' fondi u l-koinvestituri. Mhux il-partijiet rilevanti kkonċernati kollha jistgħu jkunu konxji mill-preżenza potenzjali f'livelli differenti tal-għajnuna mill-Istat u l-ħtieġa li tiġi żgurata l-konformità tal-għajnuna mill-Istat għalihom kollha.
- Il-manigġers ta' fondi u l-investituri (l-istituzzjonijiet finanzjarji, il-banek kummerċjali) ta' spiss mhumiex partikolarment familjari mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat.
- Is-CPR jipprevedi l-possibbiltà li jintużaw strumenti finanzjarji għall-oġġettivi tematiċi kollha. F'ċerti oqsma, il-Kummissjoni toffri l-hekk imsejja strumenti finanzjarji "standard" li għalihom diġà ġiet ivverifikata l-konformità tal-għajnuna mill-Istat.

**L-għan** ta' din in-nota ta' gwida huwa sabiex il-partijiet interessati kollha jkunu konxji dwar l-għajnuna mill-Istat possibbli fil-qasam tal-istrumenti finanzjarji u sabiex jintwerew il-possibbiltajiet differenti ħalli l-għajnuna mill-Istat tkun konformi.


## 2. IL-LIVELLI DIFFERENTI TAL-ISTRUMENTI FINANZJARJI GĦALL-GĦAJNUNA MILL-ISTAT

L-istrumenti finanzjarji ta' spiss jinvolvu strutturi ta' diversi livelli bl-għan li jinħolqu inċentivi għall-operaturi ekonomiċi (**investituri**), sabiex jipprovdu finanzjament lill-**benefiċjarji finali**. Dan jiġi jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat lil investituri u/jew lill-benefiċjarji finali u jrid ikun konformi mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat. Barra minn hekk, l-istrumenti finanzjarji jistgħu jinvolvu **korp jew aktar li jimplementaw l-istrument finanzjarju** (pereż. intermedjarji finanzjarji), li jistgħu jkunu wkoll benefiċjarji ta' għajnuna mill-Istat u jaqgħu taħt ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat.

---

<sup>1</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013, ĠU L 347 tal-20.12.2013, paġna 320.

Skont it-tifsila tal-istrument finanzjarju, l-appoġġ finanzjarju jista' jikkostitwixxi għajjnuna mill-Istat lill-impriżi f'kull wieħed mit-tliet livelli msemmijin, anki jekk l-intenzjoni tal-awtorità ta' Stat Membru (*inter alia* Awtorità ta' Ġestjoni taħt is-CPR) hija li tipprovdi benefiċċji biss lil benefiċjarji finali. Il-konformità mar-regoli dwar l-għajjnuna mill-Istat għandha tiġi żgurata għal kull livell involut fl-implimentazzjoni.



Dwar il-preżenza ta' għajjnuna mill-Istat, l-Avviż tal-Kummissjoni dwar il-kunċett ta' għajjnuna mill-Istat (NOA)<sup>2</sup> jipprovdi gwida ddettaljata li hija rilevanti wkoll għall-istrumenti finanzjarji. Dan jinkludi wkoll aktar spjegazzjonijiet u eżempji ġenerali.

### 3. IL-PREŻENZA TA' GĦAJJUNA MILL-ISTAT FIL-QASAM TAL-ISTRUMENTI FINANZJARJI

L-Artikolu 107(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (“TFUE”) jiddefinixxi l-għajjnuna mill-Istat bħala kull għajjnuna mogħtija minn Stat Membru jew permezz ta' riżorsi tal-Istat f'kull forma li tgħawweġ jew thedded li tgħawweġ il-kompetizzjoni billi tagħti vantaġġ lil ċerti impriżi jew lill-produzzjoni ta' ċerti prodotti u li tħalli effett fuq l-kummerċ bejn l-Istati Membri.<sup>3</sup>

Abbażi tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE, il-preżenza ta' għajjnuna mill-Istat tinkludi r-rekwiżiti li ġejjin:<sup>4</sup>

<sup>2</sup> Avviż tal-Kummissjoni dwar il-kunċett ta' Għajjnuna mill-Istat kif imsemmi fl-Artikolu 107(1) TFUE ('NOA')

ĠU L 262, tad-19.7. 2016, paġna 1, ara b'mod partikolari l-paragrafu 60.

<sup>3</sup> Għall-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u għall-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi

u s-Sajd (FEMS) japplikaw regoli speċjali dwar l-għajjnuna mill-Istat (ara l-Artikolu 8(2) tar-Regolament (UE) Nru 508/2014, ĠU L 149, tal-25.05.2014, paġna 1 (ir-Regolament FEMS) u l-Artikolu 81(2) tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013, ĠU L 347, tal-20.12.2013, paġna 487, (ir-Regolament FAEŻR)).

<sup>4</sup> L-Artikolu 107(1) tat-TFUE għandu rekwiżiti oħra bħal dak tas-“selettività” tal-miżura ta' appoġġ.

- L-appoġġ qed jingħata mir-“riżorsi tal-Istat” u huwa “imputabbi” għall-Istat”.
- Il-benefiċjarju huwa “impriża”.
- L-appoġġ “jiffavorixxi” impriża, jiġifieri: jagħti “vantaġġ”.
- L-appoġġ jgħawweġ il-kompetizzjoni u jaffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri.

Il-kriterji għall-preżenza tal-għajnuna mill-Istat skont l-Artikolu 107(1) tat-TFUE huma kumulattivi. Dan ifisser li kollha kemm huma jridu jiġu ssodisfati biex l-appoġġ jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat. Għalhekk, jekk xi waħda minn mill-kriterji ma tiġix issodisfatta, l-appoġġ pubbliku ma jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat. Dan it-test għandu jitwettaq f’kull wieħed minn dawn it-tliet livelli msemmijin hawn fuq. Aktar dettalji dwar il-kriterji msemmijin għall-preżenza ta’ għajnuna mill-Istat huma spjegati fit-taqsimiet li ġejjin ta’ din il-gwida.

### 3.1. Ir-“riżorsi tal-Istat” u l-“imputabbiltà”<sup>5</sup>

L-għajnuna mogħtija direttament jew indirettament permezz ta’ riżorsi tal-Istat u l-imputabbiltà ta’ dan l-appoġġ lill-Istat huma l-kundizzjonijiet biex tkun preżenti l-għajnuna mill-Istat skont l-Artikolu 107(1) tat-TFUE. Ħafna drabi dawn jiġu kkunsidrati flimkien meta tiġi vvalutata miżura skont l-Artikolu 107(1) tat-TFUE, minħabba li t-tnejn huma relatati mal-orijini pubblika tal-għajnuna inkwistjoni.

Huwa ċar li r-riżorsi pubbliċi nazzjonali tal-Istati Membri tal-UE huma riżorsi tal-Istat skont l-Artikolu 107(1) tat-TFUE. Riżorsi li ġejjin mill-baġit tal-Unjoni huma wkoll meqjusin bħala “riżorsi tal-Istat” (u imputabbi għall-Istat) jekk l-awtoritajiet nazzjonali jkollhom id-diskrezzjoni dwar l-użu ta’ dawn ir-riżorsi.

Kuntrarju għal dan, jekk ir-riżorsi tal-Unjoni huma ġestiti direttament jew indirettament mill-Unjoni (jew mill-istituzzjonijiet internazzjonali) mingħajr l-ebda diskrezzjoni min-naħa tal-awtoritajiet nazzjonali, dawn ma jikkostitwixxux riżorsi tal-Istat u ma humiex imputabbi għall-Istat.

#### 3.1.1. *Fondi SIE*<sup>6</sup>

Il-parti l-kbira tal-Fondi SIE rilevanti għall-politika ta’ koeżjoni jintefqu fil-ġestjoni kondiviża.<sup>7</sup> Fil-ġestjoni kondiviża l-Istati Membri tipikament<sup>8</sup> ikollhom id-diskrezzjoni dwar l-użu tal-fondi u jistgħu jiddeċiedu min jingħata l-appoġġ. Minħabba din id-diskrezzjoni, il-Fondi SIE u l-(ko-)finanzjament pubbliku nazzjonali huma kkunsidrati bħala “riżorsi tal-Istat” u huma imputabbi għall-Istat skont l-Artikolu 107(1) tat-TFUE. Dan huwa l-każ anki meta l-awtoritajiet nazzjonali jagħtu l-istrumenti finanzjarji lill-Grupp tal-BEI jew lil xi entità oħra biex jiġu implimentati abbażi ta’ ftehimiet kuntrattwali.

---

Il-kriterji l-oħrajn tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE għall-istrumenti finanzjarji appoġġati mill-Fondi SIE huma madankollu tipikament issodisfati u għaldaqstant ma humiex ittrattati f’din in-nota ta’ gwida.

<sup>5</sup> Għal aktar gwida dwar l-orijini mill-Istat, ara t-Taqsima 3 tal-NOA.

<sup>6</sup> Fondi Strutturali u ta’ Investiment Ewropej, ara l-Artikolu 1(1) tas-CPR.

<sup>7</sup> L-Artikolu 59 tar-Regolament (UE, EURATOM) Nru 966/2012, ĠU L 298 tas-26.10.2012, paġna 1 (ir-Regolament Finanzjarju).

<sup>8</sup> Għad-derogi, ara l-punt 3.1.3 hawn taħt.

Għalhekk, f'każijiet fejn il-Fondi SIE u l-(ko)finanzjament pubbliku nazzjonali jintefqu taħt il-modalità tal-ġestjoni kondiviża, u meta l-Istati Membri li kkontribwew jkollhom id-diskrezzjoni dwar l-użu ta' dawn ir-riżorsi, dawn ikunu "riżorsi tal-Istat" li huma imputabbli għall-Istat għall-finijiet tar-regoli dwar l-għajjnuna mill-Istat. Dan ifisser ukoll li l-istrumenti finanzjarji ġestiti mill-awtorità ta' ġestjoni jew taħt ir-responsabbiltà tagħha (l-Artikolu 38(1)(b) CPR) huma suġġetti għar-regoli tal-għajjnuna mill-Istat.

#### **Eżempju:**

Awtorità maniġerjali tuża riżorsi tal-FEŻR<sup>9</sup> sabiex toħloq fond għall-promozzjoni ta' SMEs ġodda. Ir-riżorsi tal-FEŻR huma taħt il-ġestjoni kondiviża.

Ir-riżorsi tal-FEŻR f'ġestjoni kondiviża jikkwalifikaw bħala "riżorsi tal-Istat". Dment li l-elementi l-oħra kollha tal-kunċett ta' għajjnuna tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE jiġu ssodisfati, l-operazzjoni trid tikkonforma mar-regoli dwar l-għajjnuna mill-Istat. Huwa meħtieġ li l-konformità tiġi vverifikata fil-livell ta' ġestjoni tal-fond, fil-livell tal-investituri u fil-livell tal-benefiċjarji finali.

Fil-każ tal-istrumenti finanzjarji implimentati taħt ir-Regolament (UE) 1305/2013 (FAEŻR), regoli speċifiċi japplikaw għal **attivitajiet agrikoli primarji** f'dak li għandu x'jaqsam ma' għajjnuna mill-Istat. Bis-saħħa tal-Artikolu 81(2) tal-FAEŻR, l-attivitajiet agrikoli primarji (prodotti fl-Anness I) huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tal-għajjnuna mill-Istat, skont l-Artikolu 42 TFUE. Min-naħa l-oħra, l-attivitajiet mhux inklużi fl-Anness appoġġati mill-istrumenti finanzjarji finanzjati mill-FAEŻR iridu jikkonformaw mar-regoli ġenerali dwar l-għajjnuna mill-Istat.

Fil-każ tal-attivitajiet agrikoli appoġġati minn strumenti finanzjarji mhux iffinanzjati permezz tal-FAEŻR, ħlief jekk ma jkunx indikat mod ieħor x'imkien ieħor, japplikaw ir-regoli dwar l-għajjnuna mill-Istat.

F'dak li għandu x'jaqsam ma' **sajd u akkwakultura**, l-esklużjoni ta' ċerti finanzjament relatat mas-sajd tal-Fond Ewropew Marittimu u tas-Sajd (FEMS) mill-applikazzjoni tar-regoli ta' għajjnuna mill-Istat ġejja minħaba l-Artikolu 42 tat-TFUE u l-Artikolu 8 tal-FEMS. Skont l-Artikolu 8 tal-FEMS, il-pagamenti magħmula mill-Istati Membri bħala parti mill-finanzjament kofinanzjat permezz tal-FEMS f'konformità mar-Regolament dwar il-FEMS (UE) Nru 508/2014, mhumiex fil-prinċipju kkunsidrati bħala għajjnuna mill-Istat.

#### *3.1.2. Fondi oħra tal-UE u Fondi SIE ġestiti direttament jew indirettament fil-livell ta' Unjoni<sup>10</sup>*

F'dak li għandu x'jaqsam ma' finanzjament tal-Unjoni ġestit minn kwalukwe entità affidata, inkluż mill-Grupp tal-BEI ( il-BEI u l-FIE) taħt il-mandat tal-Kummissjoni Ewropea (jew istituzzjoni oħra tal-UE jew entità oħra tal-UE) għal ġestjoni diretta jew indiretta, u meta għaldaqstant l-awtoritajiet nazzjonali ma jiddeċidux dwar l-użu tar-riżorsi, dan il-finanzjament tal-Unjoni ma jikkwalifikax bħala riżorsa tal-Istat. Din mhijiex imputabbli għall-Istat u għalhekk ma tikkostitwixxix għajjnuna mill-Istat.

<sup>9</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1301/2013, ĠU L 347 tal-20.12.2013, paġna 289.

<sup>10</sup> L-Artikolu 4(7) tas-CPR jsemmi l-fondi tal-Unjoni li ma jkunux f'ġestjoni kondiviża mal-Istati Membri.

Madankollu ta' min jinnota li r-Regolament Finanzjarju (UE, EURATOM) 966/2012 ('FR') jipprevedi li l-istrumenti finanzjarji tal-Unjoni jridu "jikkonformaw man-nondistorsjoni tal-kompetizzjoni u jkunu konsistenti mar-regoli dwar l-ghajjnuna mill-Istat".<sup>11</sup> Il-qafas legali li jirregola l-istrumenti finanzjarji tal-Unjoni, inkluż il-ftehimiet mal-entitajiet inkarigati, ġie mfassal mill-Kummissjoni bil-ħsieb li tiġi żgurata konsistenza mal-liġi dwar l-ghajjnuna mill-Istat. Id-diversi strumenti finanzjarji għandhom jitfasslu b'mod li jkunu konsistenti mal-ghajjnuna mill-Istat.

### **Eżempju:**

Fuq talba tal-Kummissjoni, il-BEI jistabbilixxi fond b'riżorsi minn Orizzont 2020.<sup>12</sup> Ir-riżorsi mill-programm Orizzont 2020 huma riżorsi tal-Unjoni u l-BEI se jmexxi dan il-fond bl-hekk imsejħa ġestjoni indiretta.

Ir-riżorsi ta' Orizzont 2020 mhumiex "riżorsi tal-Istat". Għalhekk fond iffinanzjat biss minn dawn ir-riżorsi ma jikkwalifikax bħala ghajjnuna mill-Istat. Madankollu, ir-Regolament Finanzjarju (u l-premessa 42 tar-Regolament dwar Orizzont 2020) jipprevedi li trid tiġi żgurata konsistenza mar-regoli dwar l-ghajjnuna mill-Istat. Ir-regoli stabbiliti mill-Kummissjoni għat-twaqqif tal-fond u għall-implementazzjoni għalhekk jeħtieġ li jkunu konsistenti mar-regoli dwar l-ghajjnuna mill-Istat.

Għal Orizzont 2020, il-Kummissjoni fasslet ir-Regolament u r-regoli ta' implimentazzjoni, b'mod partikolari l-ftehim ta' delega u d-dokumenti dwar il-kundizzjonijiet (term sheets), sabiex jintlaħaq l-għan ta' konsistenza għall-ghajjnuna mill-Istat. Il-proposti għat-twaqqif ta' fond ta' Orizzont 2020 huma wkoll ivverifikati għall-konformita mar-regoli ta' Orizzont 2020.

Jekk il-fond li twaqqaf mir-riżorsi ta' Orizzont 2020 huwa ffinanzjat ukoll minn riżorsi pubbliċi oħra (minn finanzjament pubbliku nazzjonali jew min riżorsi tal-Fondi SIE), din il-parti tal-finanzjament tista' tikkwalifika bħala "riżorsi tal-Istat" li huma imputabbli għall-Istat biss jekk l-Istati Membri kontributori jkollhom id-diskrezzjoni dwar l-użu ta' dawn ir-riżorsi. Għall-dawn il-partijiet tal-finanzjament, verifiki addizzjonali dwar l-ghajjnuna mill-Istat jkunu meħtieġa jekk il-kundizzjonijiet l-oħra kollha għall-preżenza ta' ghajjnuna mill-Istat jiġu ssodisfati wkoll skont l-Artikolu 107(1) tat-TFUE.

### *3.1.3. Il-kontribuzzjoni mill-Fondi SIE għall-fondi tal-UE ġestiti direttament jew indirettament fil-livell ta' Unjoni*

Skont l-Artikolu 38(1)(a) tas-CPR, l-Istati Membri jistgħu jipprovdu kontribuzzjonijiet għall-programm tal-Fondi SIE għat-twaqqif ta' strumenti finanzjarji fil-livell ta' Unjoni (ġestjoni diretta jew indiretta tal-Unjoni). Tali kontribuzzjonijiet ma jikkostitwixxux riżorsi tal-Istat, u l-użu rizzultanti tagħhom ma jkunux imputabbli lill-Istat, jekk Stat Membru kontribwenti ma jagħmel ebda kundizzjonijiet dwar l-użu ta' dawn il-Fondi SIE, bl-eċċezzjoni tal-kundizzjoni li l-kontribuzzjonijiet tal-Fondi ESI għandhom jiġu investiti fit-territorju tal-Istat Membru kontribwenti, speċifikat fil-Programm(i) Operattiv(i). Din il-kundizzjoni mhux se tagħmel ir-riżorsi imputabbli lill-Istat Membru minħabba li l-

<sup>11</sup> L-Artikolu 140(2)(c) tar-Regolament Finanzjarju.

<sup>12</sup> Orizzont 2020 huwa bbażat fuq ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013, ĠU L 347 tal-20.12.2013, paġna 104

("Ir-Regolament Orizzont 2020").



Fondi SIE huma allokati lill-Istati Membri skont ir-regoli tal-Unjoni li jkunu diġà ddeterminaw l-Istat li fit-territorju tiegħu daww il-fondi għandhom jiġu investiti<sup>13</sup>.

Dment li l-kontribuzzjonijiet mill-Fondi SIE jissoddisfaw il-kundizzjonijiet imsemmijin hawn fuq, dawn ma jikkostitwixxux għajna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE. Għaldaqstant, dawn il-kontribuzzjonijiet ma għandhomx għalfejn ikunu konformi mar-regoli dwar l-għajna mill-Istat. Minflok, meta jitqies li strumenti finanzjarji fil-livell tal-UE għandhom ikunu konsistenti mar-regoli dwar l-għajna mill-Istat kif spjegat fil-punt 3.1.2 hawn fuq, dan ifisser li, għaż-żewġ riżorsi tal-Unjoni u għall-Fondi SIE miżjuda magħhom, il-konsistenza tal-għajna mill-Istat hija żgurata mill-Kummissjoni meta tfassal l-istrument.

#### 3.1.4. *Riżorsi proprji tal-Grupp tal-BEI*

L-investment bir-riskju proprju minn riżorsi proprji tal-Grupp tal-BEI (BEI u l-FIE) huwa meqjus ta' natura privata skont ir-regoli dwar l-għajna mill-Istat u ma jikkostitwixxix għajna mill-Istat skont l-Artikolu 107(1) tat-TFUE. Dan jimplika wkoll li r-riżorsi proprji tal-BEI / FEI, investiti bir-riskju proprju *totali* għall-BEI / FEI ma jitqisux għall-kalkolu tal-livell limitu *de minimis*, fir-rigward tal-limiti stabbiliti għan-notifika, jew biex jiġu kkalkulati l-intensitajiet tal-għajna.

Jekk madankollu l-Istati Membri jipprovdu garanziji jew kwalunkwe appoġġ ieħor lill-Grupp tal-BEI, il-Grupp tal-BEI ma jkunx qed jinvesti bir-riskju *kollu* għalih. Għaldaqstant, f'dawn iċ-ċirkustanzi l-investimenti tal-Grupp tal-BEI ma jistgħux jitqiesu ta' natura privata għall-finijiet tal-politika dwar l-għajna mill-Istat. Barra minn hekk, peress li din il-garanzija tinvolvi riżorsi tal-Istat u hija imputabbli għall-Istat, din trid tkun konformi mar-regoli tal-għajna mill-Istat.

#### **Eżempju:**

Xenarju a) Il-BEI qed jistabbilixxi fond mir-riżorsi proprji mingħajr l-ebda appoġġ (pereż. b'garanziji) min Stati Membri jew mir-riżorsi tal-Unjoni. Ir-riżorsi tal-BEI huma kkunsidrati bħala riżorsi privati. Għalhekk, ir-regoli dwar l-għajna mill-Istat ma japplikawx.

Xenarju b) Il-BEI jirċievi appoġġ nazzjonali pubbliku u/jew l-appoġġ mill-FSIE, pereżempju garanzija li tkopri (parti minn) ir-riskju tal-BEI fuq self iġġenerat reċentement. F'dan il-każ l-investment tal-BEI ma jitqiesx privat għall-finijiet tal-kontroll tal-għajna mill-Istat. Jekk il-kundizzjonijiet l-oħra għal għajna mill-Istat jintlaħqu wkoll, il-garanzija pubblika għandha tkun konformi mal-għajna mill-Istat (tkun ffinanzjata mir-riżorsi tal-Istat u hija imputabbli għall-Istat).

<sup>13</sup> L-Artikolu 70 tas-CPR jimponi li l-Istati Membri jappoġġjaw operazzjonijiet f'qasam tal-programm speċifiku. Il-tqassim tal-fondi magħmula disponibbli mill-Istat Membru hija ddeterminata skont metodoloġija li tinsab fl-Anness VII tas-CPR u stabbilita fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/190/UE.

3.1.5. *Ir-riżorsi proprji tal-Grupp tal-BEI koperti minn garanzija tal-FEIS (Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi)*<sup>14</sup>

L-appoġġ minn FEIS ma jikkwalifikax bħala “riżorsa tal-Istat” u għalhekk mhuwiex għajjnuna mill-Istat. Barra minn hekk, ir-riżorsi FEIS huma barra mill-iskop tar-Regolament Finanzjarju. Għaldaqstant ir-rekwiżit ta’ konsistenza għall-għajjnuna mill-Istat tal-Artikolu 140(2)(c) tar-Regolament Finanzjarju ma japplikax. Għalhekk, ma huwa meħtieġ l-ebda kontroll għall-għajjnuna mill-Istat sabiex jitniedu r-riżorsi proprji tal-Grupp tal-BEI li jkunu koperti b’garanzija tal-FEIS.

Il-proġetti jew il-pjattaformi ta’ investiment appoġġati mill-FEIS jistgħu jiġu kkombinati ma’ appoġġ finanzjarju (kofinanzjament) mill-Fondi SIE jew ma’ riżorsi pubbliċi nazzjonali. F’dawn il-każijiet il-finanzjament addizzjonali jkun suġġett għar-regoli dwar l-għajjnuna mill-Istat, kif spjegat fil-punt 3.1.1 hawn fuq.

Hemm ukoll nota ta’ gwida separata dwar il-kombinament tal-Fondi SIE/FEIS inkluża gwida dwar għajjnuna mill-Istat<sup>15</sup>.

**Eżempju:**

Il-BEI jistabbilixxi fond bir-riżorsi proprji li tagħmel tajjeb għalihom garanzija FEIS.

It-twaqqif u l-implimentazzjoni tal-fond ma jinkludux “riżorsi tal-Istat” u għaldaqstant mhumiex suġġetti għall-kontroll tal-għajjnuna mill-Istat.

Madankollu, jekk il-Fond jirċievi aktar riżorsi mill-Fondi SIE jew minn riżorsi pubbliċi nazzjonali, l-appoġġ għal din il-parti jikkwalifika bħala “riżorsa tal-Istat”. Jekk il-kundizzjonijiet l-oħra tal-kunċett ta’ għajjnuna jkunu ssodisfati, ikun jeħtieġ li jikkonforma wkoll mar-regoli dwar l-għajjnuna mill-Istat.

Ta’ min jinnota li r-riżorsi tal-Grupp tal-BEI appoġġati minn garanzija FEIS ma jkunux investiti bir-riskju proprju.

Għalhekk, f’dan il-każ investiment tal-Grupp tal-BEI ma jistax jitqies bħala investiment privat fis-sens ta’ “kontribuzzjoni proprja” mill-Grupp tal-BEI li tkun ħielsa minn kull appoġġ pubbliku jew minn kontribuzzjoni ta’ investitur privat, kif meħtieġ skont ir-regoli dwar l-għajjnuna mill-Istat.

3.1.6. *Ħarsa ġenerali lejn il-valutazzjoni meħtieġa tal-għajjnuna mill-Istat tal-kriterju “Riżorsi tal-Istat” skont it-tipi ta’ riżorsi*

Tipi ta’ riżorsi				
Riżorsi tal-	Riżorsi	Fondi tal-Unjoni	Riżorsi proprji	Ir-riżorsi

<sup>14</sup> Ir-Regolament (UE) 2015/1017 dwar il-Fond Ewropew għal Investimenti Strateġiċi, ĠU L 169, tal-1.7.2015, paġna. 1 (“FEIS”)

<sup>15</sup> <https://www.fi-compass.eu/publication/ec-regulatory-guidance/new-guidelines-combining-european-structural-and-investment-funds>

Fondi SIE (f'ġestjoni kondiviża)	pubbliċi nazzjonali	ġestiti b'mod dirett/indirett  (pereż. Orizzont 2020, COSME16 jew il-Fondi SIE ġestiti b'mod dirett/indirett, jew il-Fondi SIE ttrasferiti bla ebda kundizzjoni, ara l-punt 3.1.3)	tal-Grupp tal-BEI  (mingħajr l-ebda kopertura għar-riskju jew xi appoġġ ieħor tal-Unjoni jew min riżorsi pubbliċi nazzjonali)	propriji tal-grupp tal-BEI koperti b'garanzija tal-FEIS
Riżorsi tal-Istat: iva	Riżorsi tal-Istat: iva	Riżorsi tal-Istat: le	Riżorsi tal-Istat: le	Riżorsi tal-Istat: le
Htiġea għall-konformità mar-regoli dwar l-Għajnuna mill-Istat <sup>17</sup>	Meħtieġa konformità mar-regoli dwar l-Għajnuna mill-Istat	Fil-livell tal-istrument, tiġi żgurati mill-Kummissjoni l-konsistenza mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat	L-ebda rekwiżit ta' għajnuna mill-Istat	L-ebda rekwiżit ta' għajnuna mill-Istat (ara wkoll il-punt 3.1.5.)
<p>Jekk jiġu kkombinati tipi ta' riżorsi differenti l-applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat jeħtieġ li tiġi vverifikata separatament għal kull parti</p>				

### 3.2. “Impriżi” involuti fi strumenti finanzjarji<sup>18</sup>

Il-kunċett ta' għajnuna skont l-Artikolu 107(1) tat-TFUE jesiġi li jingħata appoġ li “Impriża”. Il-Qorti tal-Ġustizzja konsistentement iddefniet lill-“impriżi” bħala entitajiet involuti f'attività ekonomika, indipendentement mill-istatus legali tagħhom u mill-mod kif jiġu ffinanzjati.<sup>19</sup> “Attività ekonomika” hija attività li tikkonsisti fil-forniment ta' prodotti u ta' servizzi fis-suq.<sup>20</sup>

Id-definizzjoni ta' hawn fuq ta' “impriża” timplika li:

- l-istatus tal-entità ma huwiex deċiżiv (pereżempju entità li hija parti mill-amministrazzjoni pubblika tista' tkun impriża),
- Huwa irrelevanti jekk l-entità twaqqfitx biex tiġġenera profitti (entità mingħajr skop ta' qligħ tista' toffri prodotti u servizzi fis-suq ukoll),

<sup>16</sup> Ir-Regolament (UE) 1287/2013, ĠU L 347, tal-20.12.2013, paġna 33 (“COSME”).

<sup>17</sup> Regoli speċifiċi dwar l-għajnuna mill-Istat japplikaw għall-FAEŻR u għall-FEMS.

<sup>18</sup> Għal aktar gwida dwar il-kunċett ta' impriża, ara t-Taqsima 2 tal-NOA.

<sup>19</sup> Il-Kawżi Magħquda minn C-180/98 sa C-184/98, Ġabra I-6451, il-paragrafu 74.

<sup>20</sup> Kawża 118/85, Ġabra 2599, il-paragrafu 7).

- il-klassifikazzjoni ta' kwalunkwe entità bħala impriża hija dejjem marbuta ma' attività speċifika (entità jista' jkollha kemm attivitajiet ekonomiċi kif ukoll attivitajiet nonekonomiċi).

Il-preżenza ta' għajjnuna mill-Istat trid tiġi vverifikata għall-atturi kollha involuti fl-istrumenti finanzjarji. Għaldaqstant l-atturi kollha għandhom jiġu kkontrollati jekk jikkwalifikawx bħala "impriża", sakemm ma tistax tiġi eskluża l-preżenza ta' għajjnuna mill-Istat abbażi ta' rekwiżiti oħra tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE.

Il-manigġers tal-fondi u l-investituri involuti fi strument finanzjarju normalment jikkwalifikaw bħala "impriżi" minħabba li dawn iwettqu attività ekonomika.<sup>21</sup> Għall-benefiċjarji finali s-sitwazzjoni tista' tkun differenti, b'mod partikolari meta l-benefiċjarji jkunu l-individwi li mhumiex involuti f'attività ekonomika jew jkunu involuti f'attivitajiet li min-natura tagħhom mhumiex ikkunsidrati bħala ekonomiċi.

### 3.3. Vantaġġ<sup>22</sup>

Rekwiżit kumulattiv ieħor għall-preżenza tal-għajjnuna mill-Istat hija li l-miżura tagħti vantaġġ. Vantaġġ skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE huwa kwalunkwe benefiċċju ekonomiku li impriża ma setgħetx tikseb taħt kundizzjonijiet normali tas-suq, jiġifieri fin-nuqqas ta' intervent mill-Istat.<sup>23</sup> Għaldaqstant, vantaġġ (u għalhekk l-għajjnuna mill-Istat) tista' tiġi eskluża jekk it-tranżazzjonijiet ekonomiċi mwettqa mill-awtoritajiet pubbliċi jkunu konformi mal-kundizzjonijiet normali tas-suq.

L-elementi li ġejjin huma partikolarment rilevanti meta jiġi applikat it-test tal-operatur tal-ekonomija tas-suq (OES) għall-istrumenti finanzjarji:

- Għall-(ko)investituri** ma hemm l-ebda vantaġġ (u għalhekk ma hemmx għajjnuna mill-Istat) jekk l-investment ikun sar *pari passu* bejn l-investituri pubbliċi u privati jew jekk l-investment pubbliku huwa konformi mat-termini tas-suq kif stabbiliti abbażi ta' valutazzjoni komparattiva jew ta' metodi oħra ta' valutazzjoni.

Investiment huwa meqjus *pari passu* meta:<sup>24</sup>

- dan isir bl-istess termini u kundizzjonijiet mill-investituri pubbliċi u privati (l-investituri pubbliċi u privati huma suġġetti għal-istess riskji u benefiċċji kif ukoll ikollhom l-istess livell ta' subordinazzjoni fl-istess klassi ta' riskju fir-rigward ta' struttura ta' finanzjament stratifikata), u
- meta ż-żewġ kategoriji ta' operaturi jintervjenu simultanjament (l-investment ta' investitur privat u pubbliku jsir permezz tal-istess tranżazzjoni ta' investment), u
- meta l-intervent tal-investitur privat huwa ta' sinifikat ekonomiku reali (30 % huwa l-livell minimu stipulat fl-RFG<sup>25</sup>)

<sup>21</sup> Sal-punt li manigġer ta' fond li jkun qed jiġġestixxi biss u mhux jikkoinvesti, dan il-manigġer ta' fond jista' jikkwalifika bħala sempliċiment "intermedjarju" u għaldaqstant ma jkunx jaq' taħt il-kunċett ta' "impriża" skont l-Artikolu 107(1) tat-TFUE (ara l-każ SA.37824; [http://ec.europa.eu/competition/state\\_aid/cases/254119/254119\\_1608806\\_109\\_2.pdf](http://ec.europa.eu/competition/state_aid/cases/254119/254119_1608806_109_2.pdf)); ara wkoll id-deċiżjoni fil-każ SA.36904, il-paragrafu 71(b) [http://ec.europa.eu/competition/state\\_aid/cases/256075/256075\\_1711610\\_153\\_2.pdf](http://ec.europa.eu/competition/state_aid/cases/256075/256075_1711610_153_2.pdf).

<sup>22</sup> Għal aktar gwida dwar il-kunċett ta' vantaġġ, ara t-Taqsima 4 tal-NOA.

<sup>23</sup> Il-kawża C-39/94, Ġabra I-3547, il-paragrafu 60.

<sup>24</sup> Għal aktar gwida dwar it-tranżazzjonijiet *pari passu* ara t-Taqsima 4.2.3.1(i) tal-NOA.

Abbażi tal-punt 35 tal-RFG, dment li l-kundizzjonijiet tal-investiment (fil-livell kemm ta' investituri u kemm ta' intermedjarju finanzjarju) huma konformi mat-test tal-operatur f'ekonomija tas-suq, ma jkun hemm l-ebda hteġa għal verifika ulterjuri dwar l-għajjnuna potenzjali fil-livell tal-benefiċjarju finali.

Meta l-istrumenti finanzjarji jippermettu lill-koinvestituri privati biex jagħmlu investimenti finanzjarji f'kumpanija jew fi grupp ta' kumpaniji b'termini li jkunu iktar favorevoli minn dawk tal-investituri pubbliċi li jinvestu fl-istess kumpaniji, dawn l-investituri privati jistgħu jirċievu vantaġġ. Vantaġġ bħal dan jista' jieħu l-forma ta' redditi preferenzjali (inċentiv pożittiv) jew ta' skopertura mnaqqsa għal telf f'każ li tranżazzjoni sottostanti trendi inqas meta mqabbla ma' tal-investituri pubbliċi (protezzjoni mit-telf). Il-kompatibbiltà ta' din l-għajjnuna lill-investituri trid tiġi żgurata.

F'xi każijiet (pereż. għall-garanziji jew fin-nuqqas ta' investituri privati) il-kundizzjonijiet tas-suq ma jistgħux jiġu stabbiliti direttament permezz tat-test ta' *pari passu*. Dan madankollu ma jfissirx li t-tranżazzjoni pubblika mhijiex konformi mal-kundizzjonijiet tas-suq. F'dawn il-każijiet il-konformità mat-termini tas-suq xorta tista' tiġi vvalutata fuq il-bażi ta' parametri referenzjarji jew metodi oħrajn ta' valutazzjoni (pereż. sabiex jiġi stabbilit il-valur preżenti nett (VPN) ta' investiment f'livell li kien ikun aċċettabbli għal operatur privat f'ekonomija tas-suq). Meta tranżazzjoni tinstab li hija konformi mal-kundizzjonijiet tas-suq, ma tkunx għajjnuna mill-Istat.<sup>26</sup>

- b) **Il-korpi li jimplementaw l-istrumenti finanzjarji/il-manigġers/l-intermedjarji finanzjarji/il-fondi ta' fondi** jistgħu jkunu wkoll benefiċjarji ta' għajjnuna mill-Istat jekk ir-remunerazzjoni għas-servizzi jew ir-rimborżi biex jiġi implimentat l-istrument finanzjarju jaqbbzu r-rati tas-suq.

Hemm modi differenti biex jiġi stabbilit jekk ir-remunerazzjoni, għall-korpi li jimplementaw l-istrumenti finanzjarji/għall-manigġers tal-fondi, hijiex konformi mar-rati tas-suq. Pereżempju jekk manigġer ta' fondi jintgħażel permezz ta' proċedura tal-għażla kompetittiva, trasparenti, mhux diskriminatorja u bla kundizzjonijiet, ir-remunerazzjoni tista' titqies li hija konformi mar-rati tas-suq. Dan huwa rekwiżit għall-istrumenti finanzjarji kollha li huma suġġetti għar-regoli dwar l-għajjnuna mill-Istat.<sup>27</sup>

Jekk ma jkunx hemm proċedura tal-għażla kompetittiva, trasparenti, mhux diskriminatorja u bla kundizzjonijiet, il-konformità mas-suq tar-remunerazzjonijiet/tar-rimborsi tista' tintwera permezz ta' mezzi oħra. Għal remunerazzjonijiet / rimborsi li huma konformi mar-regoli tas-CPR, l-istrumenti standard li huma deskritti fit-Taqsima 5 jiżguraw li r-remunerazzjoni hija konformi mas-suq. Għal remunerazzjonijiet/rimborsi li mhumiex konformi mar-regoli tas-CPR

---

<sup>25</sup> Linji Gwida dwar l-għajjnuna mill-Istat biex tippromwovi investimenti ta' finanzjament ta' riskju, ĠU C 19 tat-22.01.2014, paġna 4 (l-“RFG”).

<sup>26</sup> Għal aktar gwida dwar l-applikazzjoni tat-test f'ekonomija tas-suq, ara t-Taqsimiet 4.2.3.2 u 4.2.3.4. tal-NOA.

<sup>27</sup> Għal aktar gwida, ara t-Taqsima 4.2.3.1(ii) tal-NOA

jew jaqgħu barra l-ambitu tal-istrumenti standard, il-konformità mas-suq għandha tiġi evalwata fuq il-każ individwali.

- c) **Fil-livell tal-benefiċjarji finali:** L-għan ġenerali ta' strument finanzjarju huwa li jipprovi appoġġ lill-benefiċjarji finali. Għaldaqstant, huwa fin-natura tal-istrument li l-benefiċjarji finali jistgħu jirċievu vantaġġ li huma ma kinux jiksbu f'ċirkostanzi normali tas-suq.

Madankollu, meta self jew garanzija jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-Komunikazzjoni dwar ir-Rati ta' Referenza<sup>28</sup> jew fit-Taqsima 3 tal-Avviż dwar il-garanziji,<sup>29</sup> jitqiesu li jkunu konformi mas-suq u għalhekk ma jikkostitwixxux għajjnuna mill-Istat lill-benefiċjarji finali. Tipi oħra ta' appoġġ jista' jkun ukoll possibbli għalihom li juru li huma konformi mas-suq. Madankollu, peress li l-istrumenti finanzjarji tal-politika ta' koeżjoni jirreaġixxu għall-fallimenti tas-suq, jista' ikun hemm vantaġġ fil-livell tal-benefiċjarji finali.

### **3.4. Id-distorsjoni tal-kompetizzjoni u l-impatt fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri / l-għajjnuna *de minimis***

L-għajjnuna mill-Istat tkun preżenti biss jekk din toħloq distorsjoni fil-kompetizzjoni u taffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri.

Barra minn hekk, appoġġ li jkun konformi mar-Regolament *de minimis* applikabbli ma jitqiesx li jissodisfa l-kriterji kollha stipulati fl-Artikolu 107(1) tat-TFUE. Għaldaqstant, din l-għajjnuna mhijiex suġġetta għal notifika dwar l-għajjnuna mill-Istat. Għall-perjodu ta' finanzjament 2014-2020, ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1407/2013<sup>30</sup> huwa dak prinċipalment relevanti biex jiġi stabbilit il-livell limitu *de minimis* għal kull impriża ta' EUR 200 000 fuq perjodu ta' tliet snin. Barra minn dan il-livell limitu, anki r-rekwiżiti l-oħra kollha tar-Regolament *de minimis* applikabbli għandhom jiġu ssodisfati.

Għalkemm, kif intqal qabel, taħt il-FAEŻR, **l-attivitajiet agrikoli primarji**, huma eżentati mill-kamp ta' applikazzjoni tal-għajjnuna mill-Istat, l-attivitajiet li mhumiex inklużi fl-Anness appoġġati mill-istrumenti finanzjarji tal-FAEŻR għandhom jikkonformaw mar-regoli dwar l-għajjnuna mill-Istat ġenerali. Fil-każ ta' attivitajiet agrikoli appoġġati minn strumenti finanzjarji mhux iffinanzjati mill-FAEŻR, japplikaw ir-regoli dwar l-għajjnuna mill-Istat, jiġifieri l-limitu massimu *de minimis* agrikolu (EUR 15 000 għal kull impriża fuq perjodu ta' tliet snin), kif ukoll regoli oħra stabbiliti fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 717/2014<sup>31</sup> iridu jiġu rispettati.

<sup>28</sup> Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-reviżjoni tal-metodu li jistabbilixxi r-rati ta' referenza u r-rati ta' skont ĠU C 14, tad-19.1.2008, p. 6–9.

<sup>29</sup> Avviż tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE għall-għajjnuna mill-Istat

fil-forma ta' garanziji, ĠU C 155, tal-20.06.2008, paġna 10 kif emendat mir-Rettifika tal-Avviż tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE għall-għajjnuna mill-Istat fil-forma ta' garanziji, ĠU, C 244 tal-25.09.2008 paġna 32.

<sup>30</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 1407/2013, ĠU L 352, tal-24.12.2013, paġna 1 (“ir-Regolament *de minimis*”

).

<sup>31</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 717/2014 tas-27 ta' Ġunju 2014, ĠU L 190, 28.6.2014, p. 45-54.

**Għall-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura koperti mill-Anness I tat-TFUE**, il-pagamenti magħmula mill-Istati Membri bħala parti mill-finanzjament ikkofinanzjat permezz tar-regoli tal-FEMS, bħala prinċipju, mhumiex ikkunsidrati bħala għajnuna mill-Istat (ara l-Artikolu 8(2) tal-FEMS). Għall-proġetti jew programmi li ma humiex relatati mas-sajd (jiġifieri kwistjonijiet tal-Politika Marittima Integrata), tapplika s-sistema tal-għajnuna mill-Istat.

L-għajnuna mill-Istat li ma taqbiżx ċertu limitu fuq perjodu ta' żmien, fil-prinċipju, mhix meqjusa li tissodisfa l-kriterji kollha stipulati fl-Artikolu 107(1) tat-TFUE. Din hija l-hekk imsejja għajnuna *de minimis*. Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 717/2014 (li jissostitwixxi r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 875/2007) japplika għall-għajnuna mogħtija lill-impriżi fis-settur tas-sajd u tal-akkwakultura, bl-eċċezzjoni tal-każijiet msemmijin fl-Artikolu 1 ta' dan ir-Regolament, u jistabbilixxi l-limitu massimu ta' EUR 30 000 għal kull benefiċjarju fuq kwalunkwe perjodu ta' tliet snin (ir-Regolament *de minimis dwar is-Sajd*). Barra minn hekk, kull Stat Membru jrid jirrispetta l-ammont kumulattiv massimu stipulat fl-anness tar-Regolament *de minimis dwar is-Sajd* (l-hekk imsejjaħ limitu massimu nazzjonali) filwaqt li jagħti għajnuna lill-impriżi attivi fis-settur tas-sajd u tal-akkwakultura. Apparti regoli oħra stabbiliti fir-Regolament *de minimis dwar is-Sajd* tal-Kummissjoni, l-għajnuna mogħtija lill-impriżi kollha fis-settur tas-sajd u tal-akkwakultura fuq perjodu ta' tliet snin ma tistax taqbeż it-2,5 % tal-fatturat annwali mill-qbid, mill-ipproċessar u mill-akkwakultura għal kull Stat Membru.

Ir-Regolament *de minimis* jista' jiġi applikat għal kull attur differenti involut fl-istrumenti finanzjarji. Madankollu, ir-reqwiziti kollha ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu ssodisfati.

Għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-punti li ġejjin:

**Skont ir-regoli tal-Fondi SIE, il-korpi li jimplimentaw** l-istrumenti finanzjarji ma għandhomx jirċievu għajnuna mill-Istat, inkluża l-għajnuna *de minimis* għall-implimentazzjoni, peress li din ma tikkonformax mal-finijiet tal-oġettivi tal-Fondi SIE għall-istrument finanzjarju li għandu l-għan li jindirizza r-riżorsi għand il-benefiċjarji finali.<sup>32</sup> Għaldaqstant, anki jekk jista' jkun possibbli għall-korpi li jimplimentaw l-istrumenti finanzjarji, li jiġu konformi mar-regoli tal-għajnuna mill-Istat, għandu jiġi nnutat li l-appoġġ lil dawn il-korpi mill-Fondi SIE normalment ma jkunx konformi mar-regoli tal-Fondi SIE.

**Għall-benefiċjarji finali** jeħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari jekk il-benefiċjarju finali jagħmel parti minn grupp ta' kumpaniji. Il-livell limitu *de minimis* japplika għal "kull waħda mill-impriżi". Għaldaqstant, l-għajnuna għandha tingħata biss sal-limitu komuni ta' EUR 200 000 għal tliet snin għall-kumpaniji kollha tal-grupp li huma meqjusin bħala impriża waħda.

Barra minn hekk, l-Istati Membri jridu jagħtu attenzjoni partikolari għall-fatt li l-għajnuna fil-forma ta' ekwità, ta' kważi ekwità u ta' injezzjonijiet ta' kapital ma tistax tibbenefika mir-Regolament *de minimis*; jekk il-kapital jew l-ammont totali ta' injezzjoni pubblika ma jaqbiżx il-limitu massimu *de minimis* jew jekk ma jiġux ssodisfati l-hekk

---

<sup>32</sup> Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-fatt li korpi ta' implimentazzjoni jista' jirċievi appoġġ mingħand is-SIE

Fondi għal finijiet oħrajn, eż. għajnuna għat-taħriġ tal-ħaddiema.

imsejħa kundizzjonijiet li jipprovdu livell ta' protezzjoni xieraq tar-Regolament de minimis.

#### **4. EŻENZJONIJIET TA' NOTIFIKA**

Meta tkun preżenti l-għajnuna mill-Istat, l-Artikolu 108(3) jipprevedi li b' mod ġenerali l-Istat Membru kkonċernat irid jagħmel notifika dwar l-għajnuna mill-Istat. Madankollu, bl-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament għall-Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa<sup>33</sup> ("GBER 2014"), il-possibiltajiet li tiġi evitata l-proċedura ta' notifika dwar l-għajnuna mill-Istat żdiedu ferm aktar.

Għall-istrumenti finanzjarji tal-politika ta' koeżjoni, id-dispożizzjonijiet li ġejjin tal-GBER tal-2014 huma partikolarment rilevanti:

- L-Artikolu 16 tal-GBER tal-2014 (l-għajnuna għall-iżvilupp urban reġjonali).
- L-Artikolu 21 tal-GBER tal-2014 (l-għajnuna għall-finanzjament tar-riskju).
- L-Artikolu 22 tal-GBER tal-2014 (l-għajnuna għal negozji ġodda).
- L-Artikolu 39 tal-GBER tal-2014 (l-għajnuna għall-investiment għal proġetti tal-effiċjenza enerġetika fil-bini).
- L-Artikolu 52 tal-GBER tal-2014 (l-għajnuna għal infrastrutturi tal-broadband).

Il-benefiċjarji tal-għajnuna f'livelli differenti tal-istrumenti finanzjarji jistgħu jibbenefikaw ukoll minn dispożizzjonijiet oħra tal-GBER tal-2014, apparti mill-ħames dispożizzjonijiet tal-GBER imsemmijin hawn fuq B' mod partikolari, l-għoti tal-għajnuna għall-investiment reġjonali fl-Artikolu 14 tal-GBER tal-2014 jista' japplika għal strumenti finanzjarji f'reġjuni meġhuna.

Is-servizzi tal-Kummissjoni pprovdeu gwida ulterjuri dwar l-interpretazzjoni tal-GBER tal-2014 fi "Gwida Prattika" / f' dokument bil-mistoqsijiet u t-tweġibiet.<sup>34</sup>

Minbarra dan, jeżistu regolamenti ta' eżenzjoni ta' kategorija għal setturi speċifiċi, bħar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 702/2014 tal-25 ta' Ġunju 2014 li jiddikjara ċertu kategoriji ta' għajnuna fis-setturi tal-agrikoltura u l-forestrija u f'żoni rurali kompatibbli mas-suq intern bl-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (hekk imsejjaħ ABER).

Bl-istess mod, f'dak li għandu x'jaqsam mas-sajd u l-akkwakultura, jeżisti wkoll Regolament speċifiku għal settur, ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1388/2014, li huwa r-Regolament ta' eżenzjoni ta' kategorija l-ġdid applikabbli għas-settur (l-hekk imsejjaħ FIBER), ġie adottat fis-16 ta' Diċembru 2014 u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2015.

#### **5. STRUMENTI STANDARD**

Il-Kummissjoni żviluppat termini u kundizzjonijiet standard għal ċerti tipi ta' strumenti finanzjarji. It-termini u l-kundizzjonijiet standard jiżguraw konformità mar-regoli dwar l-

<sup>33</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni 651/2014, ĠU L 187 tas-26.06.2014.

<sup>34</sup> [http://ec.europa.eu/competition/state\\_aid/legislation/block.html](http://ec.europa.eu/competition/state_aid/legislation/block.html).



għajnuna mill-Istat u b'hekk jiffaċilitaw l-għoti ta' għajnuna finanzjarja lill-benefiċjarji finali. L-użu ta' strumenti standard disponibbli mill-Istati Membri huwa volontarju.

Sa issa ħames tipi differenti ta' "strumenti standard" ġew adottati mill-Kummissjoni:<sup>35</sup>

- **Self għall-kondiviżjoni tar-riskju** bħala appoġġ għall-SMEs

“L-istrument standard għas-self għall-kondiviżjoni tar-riskju” huwa mfassal bħala strument ħieles mill-għajnuna tal-Istat, jiġifieri rimunerazzjoni għall-intermedjarju finanzjarju li tikkonforma mas-suq u t-trasferiment kollu ta' vantaġġ finanzjarju mill-intermedjarju finanzjarju lill-benefiċjarji finali. Il-finanzjament ipprovdut lir-riċevituri finali huwa kopert mir-Regolament *de minimis* applikabbli.

- **Garanzija ta' Portafoll b'limitu massimu**

Il-garanzija tal-portafoll b'limitu massimu tipprovidi kopertura għar-riskju ta' self produttiv ġdid lil SMEs, imfassala bħala strument ħieles mill-għajnuna tal-Istat, jiġifieri konformi mas-suq fil-livell ta' intermedjarju finanzjarju li jiġġestixxi l-fond ta' garanzija u ta' istituzzjonijiet finanzjarji li jibnu l-portafolli ta' self ġdid. L-għajnuna lill-benefiċjarji finali hija koperta mir-Regolament *de minimis* applikabbli.

- **Self għar-rinovazzjoni, għall-effiċjenza enerġetika u għall-enerġiji rinnovabbli f'binjiet residenzjali**

Huwa mfassal bħala strument ħieles mill-għajnuna tal-Istat, jiġifieri rimunerazzjoni li tikkonforma mas-suq għall-intermedjarju finanzjarju, l-għoti tal-vantaġġ finanzjarju kollu mill-intermedjarju finanzjarju lill-benefiċjarji finali. Il-finanzjament ipprovdut lill-benefiċjarji finali huwa kopert mir-Regolament *de minimis* applikabbli.

- **Fond għall-Iżvilupp Urban**

Il-Fond għall-Iżvilupp Urban jieħu l-forma ta' fond ta' self għall-proġetti tal-iżvilupp urban f'żoni meġġuna, u huwa mfassal bħala strument eżentat minn notifika dwar l-għajnuna mill-Istat abbażi tal-Artikolu 16 tal-GBER tal-2014.

- **Faċilità għall-koinvestment tal-ekwiżità**

Il-faċilità għall-koinvestment tieġu l-forma ta' fond tal-ekwiżità għall-SMEs. Hija mfassla bħala strument eżentat minn notifika dwar l-għajnuna mill-Istat abbażi tal-Artikolu 21 tal-GBER tal-2014.

Gwida addizzjonali dwar strumenti standard tinstab fil-link li ġejja:

<https://www.fi-compass.eu/publication/event-material/presentation-financial-instruments-under-esif-standard-terms-and>

---

<sup>35</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 964/2014 (ĠU L 271, 12.9.2014, paġna 16).

## **6. KAŻIJET META JENĦTIEĠU NOTIFIKI DWAR L-GĦAJNUNA MILL-ISTAT**

Jekk strument finanzjarju jinvolti l-ġhoti ta' għajnuna mill-Istat li ma tissodisfax il-kundizzjonijiet li jippermettu eżenzjoni minn notifika, l-Istat Membru kkonċernat irid jagħmel notifika dwar l-għajnuna mill-Istat. Ma tista' tingħata l-ebda għajnuna qabel ma' l-Kummissjoni Ewropea tkun adottat deċiżjoni li tapprova l-għajnuna mill-Istat.

L-awtoritajiet nazzjonali li jkunu qed ifittxu li jieħdu parir dwar notifiki ta' għajnuna mill-Istat jistgħu jikkuntattjaw il-punt ta' kuntatt nazzjonali ewlieni tagħhom għall-għajnuna mill-Istat. Barra minn hekk, id-Direttorat Ġeneral għall-Kompetizzjoni tal-Kummissjoni (DĠ Kompetizzjoni) joffri gwida lill-Istati Membri għat-tnejn ta' notifiki dwar l-għajnuna mill-Istat. Aktar informazzjoni tista' tinstab fuq il-websajt tad-DĠ Kompetizzjoni.<sup>36</sup>

---

<sup>36</sup>

[http://ec.europa.eu/competition/index\\_en.html](http://ec.europa.eu/competition/index_en.html)